**Osservazzjonijiet tas-Sedja magħmula mill-Ispeaker Anġlu Farrugia f'Seduta 391 tat-18 ta' Mejju 2016 dwar il-proċedura li għandha tiġi segwita fir-rigward ta' mozzjonijiet ta' ċensura**

Fis-seduta tal-bieraħ numru 390 tas-17 ta' Mejju 2016, immedjatament wara l-ħin tat-tqegħid ta' karti, fuq punt imqajjem mill-Kap tal-Oppożizzjoni saru numru ta' interventi li t-traskrizzjoni tagħhom qed tiġi riprodotta hawn taħt:

"**ONOR. SIMON BUSUTTIL:** Bil-permess tiegħek, Sur President, nixtieq fuq *point of order* nirreferik għal rapport li hawn f'*The Times online* llum dwar il-mozzjoni li għamlet ilbieraħ l-Onor. Marlene Farrugia fejn qed jingħad li inti ċempilt lill-Onor. Farrugia u għedtilha tibdel il-mozzjoni tagħha għax inkella ma tkunx ammissibbli. Jien nixtieq nistaqsik jekk dan ir-rapport huwiex korrett u forsi tispjegalna l-verżjoni tiegħek, għax insibu stramb li inti tgħid dan meta kont inti stess, jidhirli, li ppreżentajt mozzjoni ta' sfiduċja fil-konfront tas-Sur Richard Cachia Caruana ftit tas-snin ilu li kien fl-istess pożizzjoni tas-Sur Keith Schembri.

**MR SPEAKER:** Jien ma nafx x'ġabet it-*Times online* għax ovvjament inkun qed nagħmel xogħol ieħor, però jien ma ċempiltx lill-Onor. Marlene Farrugia. Il-Clerk tqabbad iċempel lill-Onor. Marlene Farrugia dwar – le, mhux l-istess ħaġa; ma ċempiltilhiex jien personalment – l-ammissibilità tal-mozzjoni fejn infurmajtha li min-naħa tiegħi qed nara li parti mill-mozzjoni kif inhi ma kenitx ammissibbli. Ovvjament hi mbagħad għamlet il-korrezzjoni tagħha u l-mozzjoni kif ġiet ippreżentata issa hija ammissibbli u daħlet fil-*Motion Book.*

Il-Kap tal-Oppożizzjoni.

**ONOR. SIMON BUSUTTIL:** Kif tifhem, Sur President, il-mozzjoni kif emendata ġiet żnaturata. Din kienet mozzjoni ta' sfiduċja fis-Sur Keith Schembri u issa, wara l-intervent tiegħek u tal-Clerk, ġiet mibdula għal mozzjoni ta' sfiduċja, jew ċensura biex inkun preċiż, fil-konfront tal-Prim Ministru li hija xi ħaġa kompletament differenti. It-tnejn huma mozzjonijiet differenti u t-tnejn huma kompletament ammissibbli għaliex inti stess, ftit tas-snin ilu ppproponejt mozzjoni kontra persuna li kienet eżattament fl-istess pożizzjoni li qiegħed is-Sur Keith Schembri. Allura nixtieq nistaqsik fuq liema bażi int, bħala President tal-Kamra, tlabt li tinbidel mozzjoni ppreżentata minn Membru u għedtilha li din inkella ma tkunx ammissibbli meta int stess ippreżentajt mozzjoni simili, li kienet ġiet dikjarata ammissibbli u diskussa u vvotata u għaddiet.

**MR SPEAKER:** Grazzi. Jekk qed titlobni *ruling* f'dan is-sens, itlobni *ruling* formalment. Meta inti qed tgħid li jien stess, bħala Anġlu Farrugia meta kont fil-Parlament ... Ċertament li dak iż-żmien ma kellix il-funzjoni tas-Sedja. Però jekk inti qed titlobni *ruling* nagħtik id-deċiżjoni.

Il-Kap tal-Oppożizzjoni.

**ONOR. SIMON BUSUTTIL:** Sur President, kulma qed nitolbok hu li tispjega fuq liema bażi tlabt...

**MR SPEAKER:** Sempliċi. (Interruzzonijiet) Kieku rajt it-*Times online* ... Jien diġà tajt xi kummenti lil xi ġurnalist – ma nafx liema wieħed għax iċemplu ħafna – dwar ir-raġuni għaliex ma kenitx ammissibbli. Ir-raġuni hija sempliċi; ma tistax tagħmel mozzjoni ta' ċensura kontra persuna li mhijiex parti mill-Parlament, membru elett fil-Parlament. Dik hija d-deċiżjoni li ħadt jien fil-konfront tal-ammissibbiltà. Aktar minn hekk mhux se nikkummenta. Fil-każ itlobni *ruling* u nagħtik ir-*ruling*.

Il-Kap tal-Oppożizzjoni.

**ONOR. SIMON BUSUTTIL:** Sur President, inti l-istess persuna – Anġlu Farrugia tal-lum huwa Anġlu Farrugia ta' tliet snin ilu, mhux hekk?! – li ppreżentajt mozzjoni fil-konfront ta' persuna oħra li ma kenitx membru tal-Parlament, u din ġiet dikjarata ammissibbli, diskussa u saħansitra approvata. Allura b'liema loġika inti issa qed tgħid li mozzjoni ma tistax tiġi ppreżentata fil-konfront ta' persuna li mhijiex membru tal-Kamra mentri diġà hemm preċedent ċarissimu? Qed nistaqsik, bir-rispett kollu, għaliex din qed naraha fil-gazzetta; ma saritx b'mod proċeduralment formali.

**MR SPEAKER:** Għall-korrettezza dik il-mozzjoni ma kontx ippreżentajtha jien. Kienu ppreżentawha l-Onor. George Vella u l-Onor. Luciano Busuttil. (Interruzzjonijiet) Mhux ovvja li kont bilqiegħda! Xi mkien kont qiegħed bilqiegħda! Illum qiegħed bilqiegħa hawnhekk!

Il-punt huwa li d-deċiżjoni li tidħol fil-*Motion Book* mhux jien ħadtha dakinhar u ma nistax nikkontesta xi ddeċieda ħaddieħor. Illum il-funzjoni tiegħi hija ta' President tal-Kamra. Wara pariri li ħadt – u naċċertak li l-pariri li ħadt huma profondi ħafna – il-pożizzjoni kienet li għedt lill-Clerk biex jibgħat għall-Onor. Marlene Farrugia – u jgħidilha biex dik il-mozzjoni jew tħalliha kif inhi u ma tkunx ammissibbli, jew tirranġaha. Fil-fatt hi rranġatha u mbagħad ovvjament ġiet ammissibbli.

Il-Kap tal-Oppożizzjoni.

**ONOR. SIMON BUSUTTIL:** Biex inkun ċert li qed nifhmek, Sur President. Jiġifieri inti qed tgħid li dan il-Parlament m'għandux il-poter li jiddiskuti mozzjoni ta' sfiduċja fil-konfront tas-Sur Keith Schembri meta dan l-istess Parlament kellu kull setgħa li ftit tas-snin ilu jiddiskuti u japprova mozzjoni fil-konfront tas-Sur Richard Cachia Caruana? Meta hemm preċedent ċar? Jiġifieri inti qbadt, permezz ta' telefonata, permezz tal-Clerk, bdilt dak li huwa preċedent f'din il-Kamra hekk, mingħajr ma jaf ħadd? Hekk mingħajr *ruling* ta' xejn?!

**MR SPEAKER:** B'kull rispett ma naqbilx miegħek. B'kull rispett li qed ngħid li ma hemm l-ebda preċedent f'dak ir-rigward għaliex dakinhar ma nqalgħetx il-kwestjoni dwar l-ammissibilità tal-mozzjoni jew le. Dik hija xi ħaġa li ma nidħolx fiha. (Interruzzjonijiet) Dak li qed targumenta inti, bir-rispett kollu lejk. Issa ħalli ma nagħmlux dibattitu fuq dan għax għandna ħafna xogħol ieħor tal-Kamra; jekk qed titlobni *ruling* f'dan ir-rigward itlobhuli formalment u nagħtik id-deċiżjoni.

Il-Kap tal-Oppożizzjoni. Ma nixtieqx li ndumu ħafna. Itlobni li għandek titlobni u nagħmluh.

**ONOR. SIMON BUSUTTIL:** Iva, mhux hekk! Nitolbok li tagħti *ruling*, bla dubju ta' xejn għaliex hemm preċedent ċar u nispera li lil min qed jagħtik pariri tfakkru li inti jew l-ex kollega tiegħek ... Kien hemm preċedent ċar. Jien sorpriż li din il-Kamra f'daqqa waħda tilfet il-poter li tiddiskuti mozzjoni fil-konfront tas-Sur Keith Schembri meta kellha l-poter li tiddiskuti mozzjoni fil-konfront ta' Richard Cachia Caruana, għax allura d-demokrazija f'pajjiżna minflok sejra 'l quddiem, sejra lura!

**MR SPEAKER:** Kollox sew. Dak li kellek tgħid għedtu u rrepetejtu diversi drabi.

**ONOR. SIMON BUSUTTIL:** Iva, għedtu u qed nitolbok *ruling*.

**MR SPEAKER:** Kollox sew, ħalli f'idejja. Issa nagħti r-*ruling*. Il-Ministru Owen Bonnici.

**ONOR. OWEN BONNICI:** Sur President, jien qgħadt hawnhekk nisma' u ma intervjenejtx però rrid nintervjeni u ngħid xi ħaġa. Huwa ċar li l-mozzjoni kif ġiet sottomessa mill-Onor. Farrugia hija inammissibbli. Il-ħabib tiegħi l-Onorevoli Kap tal-Oppożizzjoni semma l-kelma 'preċedent'. Il-preċedent taf x'inhu? Li jekk aħna nimxu ma' dak li kienet qed tipproponi l-Onor. Marlene Farrugia f'dik il-mozzjoni, allura jien bħala Ministru, l-ewwel wieħed, kien ikolli d-dritt li jekk ikun hemm xi ħadd xi mkien li jien forsi m'għandix fiduċja fih, niġi hawnhekk quddiem il-Kamra, nagħmel mozzjoni bħal dik u għaliex il-Gvern għandu l-poter tan-numri jkun jista' jmexxi 'l quddiem dik il-mozzjoni, jgħaddiha u jwassal biex jittieħdu passi fuq xi ħadd li żgur f'dan il-pajjiż ma rridux li tittieħed deċiżjoni politika dwaru.

Issemmew persuni oħrajn f'din il-Kamra, però l-każijiet huma kompletament differenti. M'hemm ebda preċedent bħal dak li ssottomettiet l-Onor. Farrugia għaliex il-persuna li ssemmiet f'dan id-dibattitu ftit ilu hija persuna li tokkupa kariga li toħroġ mill-Kostituzzjoni. Hemm diversi eżempji oħrajn ta' karigi kostituzzjonali – l-imħallfin, il-ġudikatura u x'naf jien – li hemm provdut kif ikunu jistgħu jinżammu responsabbli. Però hemm differenza sħiħa bejn persuni li l-kariga tagħhom toħroġ mill-Kostituzzjoni – u l-Kostituzzjoni hija ċara dwar min għandu l-poter li jirrappreżenta lill-pajjiż barra minn pajjiżna – u persuna li mhijiex uffiċjal pubbliku u hija membru f'Segretarjat.

Allaħares, nerġa' nissottometti – u qed ngħidha anke għall-ġid tal-Oppożizzjoni – bħala pajjiż naqbdu t-triq li jekk forsi l-Ministru tal-ġurnata – ħa nsemmi lili – ma jkollux grazzja ma' persuna illi tkun *public officer,* iressaq mozzjoni fil-Parlament u jgħid: Mela, intajjar lil din il-persuna. Hekk irridu f'dan il-pajjiż? Noqogħdu attenti għax inkunu qed nagħmlu preċedenti serjissimi li jmorru kontra l-interess tan-nies li jagħtu servizz f'dan il-pajjiż, speċjalment is-Sur Keith Schembri li lanqas biss huwa *public officer*. Fil-mozzjoni jingħad li huwa *public officer* meta lanqas huwa *public officer*. Mhux veru! Mhuwiex uffiċjal pubbliku.

Nerġa' ngħid, ma kontx se nintervjeni imma wara li smajt id-dibattitu huwa ċar li dik il-mozzjoni hija inammissibbli. Issa għadni kemm ġejt infurmat li bil-qbil tal-Onor. Farrugia kien hemm tibdil f'din il-mozzjoni u allura jien nifhem li ladarba kien hemm tibdil u l-Onor. Farrugia għamlet dan it-tibdil, issa hija kuntenta li tagħmel il-mozzjoni ta' sfiduċja kontra l-Prim Ministru, jiġifieri fl-ogħla skaluna possibbli. Naħseb li d-deċiżjoni hija waħda korretta u li tagħmel il-ġid biex ma jinħolqux

preċedenti serjissimi fil-konfront ta' persuni. Illum qed nitkellmu fuq din il-persuna, imma hemm oħrajn li jkunu qed jagħtu servizz lil dan il-pajjiż għaliex huma f'kariga li hija viċin dik li għandu s-Sur Schembri.

Il-persuna l-oħra li ssemmiet kienet tokkupa kariga kostituzzjonali li titwieled mill-Kostituzzjoni, li għandha funzjonijiet li joħorġu mill-Kostituzzjoni. Li tirrappreżenta lil pajjiżna barra minn Malta huwa poter li tagħtihulek il-Kostituzzjoni. Allura rridu noqogħdu attenti. Issa din qed ngħidha, Onor. Busuttil, għall-ġid tal-pajjiż stess. Ma nagħmlux preċedenti koroh li jwasslu biex min għandu l-maġġoranza f'dan il-pajjiż, ikun jista' jaqbad jiġi hawn u jressaq il-mozzjonijiet biex ikeċċi lin-nies qishom xi żibeġ; bħalma konna nagħmlu meta konna tfal żgħar; konna nilagħbu biż-żibeġ u ntajru ż-żibeġ min-nofs.

Nagħmel dan l-appell. Naħseb li d-direzzjoni li ta Mr Speaker hija waħda korrettissima u jien nappella biex il-bonsens jirrenja. Issa hemm dan il-ftehim mal-Onor. Farrugia dwar il-mozzjoni li ppreżentat. Qed nitkellmu wkoll dwar il-Prim Ministru u ma tistax tmur aktar minn hekk. Allura jien nappella li l-Kamra tkompli bix-xogħol tagħha u meta jkun hemm diskussjoni dwar meta niddiskutu l-mozzjoni ta' sfiduċja, din tiġi diskussa mingħajr problemi.

**MR SPEAKER:** Il-Kap tal-Oppożizzjoni. Kemm jista' jkun nagħlquha din.

**ONOR. SIMON BUSUTTIL:** L-ewwel nett il-Ministru mhuwiex f'pożizzjoni li jagħtina lezzjonijiet fuq il-Kostituzzjoni għax dan lanqas kien jaf kif jagħmel ħatra ta' żewġ maġistrati skont il-Kostituzzjoni! It-tieni, m'għandu raġun xejn f'dak li qiegħed jgħid. Is-Sur Keith Schembri m'għandux sitwazzjoni differenti minn dik li kellu s-Sur Cachia Caruana u nittama – għalhekk qed nagħmel dan il-punt – li fir-*ruling* li tagħti int, tidħol anke fin-natura tal-kuntratti li għandhom biex kulħadd ikun jaf li l-istess sitwazzjoni tapplika.

Nittama li tidħol ukoll fl-aktar punt kruċjali; is-sovranità ta' dan il-Parlament. Allaħares lil dan il-Parlament neħdulu d-dritt li jgħaddi mozzjoni fuq xi ħaġa li jrid hu. Għax min hu sovran jekk mhux dan il-Parlament? Din hija l-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż. Allaħares dan il-Parlament m'għandux poteri fil-konfront tal-kariga ta' persuna f'*position of trust*, għax allura niġu fis-sitwazzjoni redikola li *position of trust* hija aktar importanti mill-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż! Din hija akrobazija legali tal-prima klassi!

Jien nappellalek, Sur President, biex meta inti tiġi biex tagħmel il-konsiderazzjoni tiegħek, apparti li ma naqbel xejn ma' dak li qal il-Ministru tal-Ġustizzja, tieħu in konsiderazzjoni kemm is-sitwazzjoni reali u fattwali tas-Sur Keith Schembri kif ukoll is-sitwazzjoni li kien fiha s-Sur Cachia Caruana, li ma kienx ambaxxatur maħtur bħala *career diplomat*. Kif jaf kulħadd, kien maħtur b'mod differenti, mhux differenti minn kif huwa maħtur illum is-Sur Keith Schembri.

**MR SPEAKER:** Grazzi. Fil-qosor, il-Ministru Owen Bonnici.

**ONOR. OWEN BONNICI:** Se nagħmel punt tekniku. Ma naqbel xejn ma' dak li qal il-Kap tal-Oppożizzjoni, però se nagħmel punt tekniku. Noqogħdu attenti biex nagħmlux preċedent ieħor ħażin. Jekk fhimt sew, intalab *ruling* fuq deċiżjoni

tas-Sedja. Dik ukoll naħseb li hija inammissibbli. Kif tista' inti titlob *ruling* fuq deċiżjoni li ħa Mr Speaker? Noqogħdu attenti biex ma nagħmlux xi preċedent li għada pitgħada ngħidu: Dak iż-żmien kien sar ħażin.

Jien qed nappellalek, Sur President. Smajna talba biex jingħata *rulin*g però wieħed għandu jgħarbel ukoll jekk dik it-talba fiha nnifisha hijiex ammissibbli. Huwa ammissibbli li wieħed jitlob *ruling* fuq deċiżjoni tas-Sedja, *ruling* fuq *ruling*? Jien naħseb li mhijiex ammissibbli. Għandi dritt, Sur Kap tal-Oppożizzjoni; għandi dritt bħala Membru Parlamentari nagħmel din l-ispjega.

Nistieden lis-Sedja li qabel tidħol fuq il-kwestjoni li talab l-Onorevoli Kap tal-Oppożizzjoni, tara jekk mill-bidu nett huwiex korrett, huwiex legalment tajjeb, li wieħed jitlob li jingħata *ruling* fuq deċiżjoni li kienet ingħatat preċedentement.

**MR SPEAKER:** Tal-aħħar, jekk jogħġbok, Onor. Mario de Marco.

**ONOR. MARIO DE MARCO:** Sur President, fuq il-punt imqajjem mill-Ministru tal-Ġustizzja. Bir-rispett kollu, m'aħniex kapaċi nagħmlu distinzjoni bejn deċiżjoni u *ruling*! Kif taf sew is-Sedja, *ruling* ikun motivat, mentri deċiżjoni ma nafux il-motivazzjoni tagħha. Jiġifieri għandna kull dritt li nitolbu *ruling* formali għaliex *ruling* formali jkun fih motivazzjoni u dik il-motivazzjoni u dak ir-*ruling* imbagħad ikun sindakabbli. Deċiżjoni mhijiex.

**MR SPEAKER:** Grazzi."

Is-Sedja tixtieq tibda tittratta l-punti mqajma billi ssemmi l-fatti kif żviluppaw. L-Onor. Marlene Farrugia ppreżentat il-mozzjoni tagħha lill-Iskrivan tal-Kamra waqt is-seduta tas-16 ta' April 2016 skont l-Ordni Permanenti 35. Il-mozzjoni wara għaddiet għand is-Sedja sabiex hija tikkonsidra l-ammissibilità tagħha.

Hawnhekk irid jingħad li l-Ordnijiet Permanenti mhumiex daqstant ċari, jekk mhux addirittura siekta fuq id-dritt tal-Ispeaker li jiddeċiedi dwar l-ammissibilità ta' mozzjonijiet sostantivi. Dan għaliex l-Ordni Permanenti 44 li jitkellem dwar "Setgħa ta' għażla" jidher li qed jagħti din is-setgħa limitatament għal emendi li jistgħu jitressqu għal mozzjonijiet. Kien għalhekk li s-Sedja, *ai termini* tal-Ordni Permanenti 197 irrikorriet għall-prattiċi użati fil-House of Commons, preċiżament għal paġna 399 tal-Erskine May (24ed) minn fejn joħroġ ċar id-dritt ta' għażla li għandha s-Sedja fejn jikkonċerna l-ammissibilità ta' mozzjonijiet u nikkwota:

"***Manner of dealing with irregular notices of motion***

*A notice of motion which contains unbecoming expressions, infringes the House's rules, or is otherwise irregular, may, under the Speaker's authority, be corrected by the Clerks at the Table. The alterations, if necessary, are submitted to the Speaker, or to the Member who gave the notice. A notice which is wholly out of order may be withheld from publication on the Notice Paper. If the Clerk at the Table decides that a motion should be withheld, he informs the Member concerned. If the Member does not accept that view, he should ask for the matter to be referred to the Speaker.* ***If the Speaker decides to uphold the view of the Clerk the Member is informed, and if the Member is still dissatisfied he may seek to see the Speaker to argue the case further.***

*If, at the end of this process, he is still dissatisfied, he can raise the matter in the House, and if he disagrees with the Speaker's ruling he can challenge it by a motion. The object of this procedure is to save the time of the House.*

*It is not the duty of the Clerks at the Table to inform a Member who has given the notice of any informality that it may contain when it is given, but communication regarding an irregular notice is made to Members as soon as the pressure of business permits. When a notice publicly given is obviously irregular or unbecoming, the Speaker has intervened, and the notice has not been received in that form. He has also directed that a notice of motion should not be printed, because it was irregular or obviously not a proper subject for debate, being tendered in a spirit of mockery, or being designed merely to give annoyance. The Speaker has applied to motions the campaign rule which lays down that questions are inadmissible if they are multiplied with slight variations on the same point. The Speaker has also ruled against the excessive use of quotation in motions so as to prevent attempts to write statements or speeches made by persons outside the House into its record. On the same principles, he has directed that certain titles given to their motions by Members should be changed before the motions were printed. If an objection is raised to a notice of motion upon the Notice Paper,* ***it is for the Speaker to decide upon its regularity****; and, if the objection is sustained, the notice must be amended or withdrawn. The House has also, by order, directed that a notice of motion be taken off the Notice Paper.*"

Dan ifisser li l-iSpeaker jista' jirrifjuta li jdaħħal mozzjoni fil-*Motion Book* jekk iħoss li parti minnha, jew kollha kemm hi, mhijiex ammissibbli.

Irid jingħad ukoll li din is-setgħa tal-għażla ta' mozzjonijiet kienet applikata wkoll minn Speakers preċedenti f'din il-Kamra u hawn insemmi każ fejn f'*ruling* mogħti l-Ispeaker Nestu Laiviera fis-Seduta 46 tat-23 ta' Marzu 1977 is-Sedja ma kenitx aċċettat mozzjoni għaliex kienet tmur kontra l-artikolu 123(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Is-Sedja tagħmel referenza wkoll għar-*ruling* mogħti mill-Ispeaker Lawrence Gonzi fis-Seduta 264 tas-16 ta' Mejju 1994 meta ma kienx aċċetta mozzjoni mressqa mill-Kap tal-Oppożizzjoni l-Onor Alfred Sant għaliex kienet tmur kontra dak li jgħid l-Att dwar l-Interpretazzjoni fir-rigward ta' mozzjonijiet li jitressqu quddiem il-Kamra dwar Avviżi Legali li jkun tqiegħdu fuq il-Mejda tal-istess Kamra.

Is-Sedja mbagħad talbet lill-Iskrivan tal-Kamra sabiex jinforma lill-Onor. Marlene Farrugia li biex il-mozzjoni tkun ammissibbli, kien jeħtieġ li tiġi emendata b'tali mod li l-Kamra ma tintalabx tiċċensura persuna li mhijiex direttament responsabbli lejn il-Parlament bħal fil-każ ta' Ministru, Segretarju Parlamentari jew Membru Parlamentari, jew fil-każ ta' kariga kostituzzjonali li l-persuna li tokkupa tali kariga tista' tiġi attakkata u addirittura mneħħija b'vot fil-Parlament bħal fil-każ tal-Imħallfin, l-Ombudsman u l-Awditur Ġenerali. Is-suġġeriment tas-Sedja ntlaqa' mill-Onor. Marlene Farrugia u effettivament emendat il-mozzjoni tagħha fis-sens li l-paragrafu li qabel kien jaqra:

> "Li wara li l-Kumitat Parlamentari *ad hoc* ikun lesta xogħlu, il-Kamra tiċċensura l-aġir ta' Keith Schembri, Chief of Staff tal-fiduċja tal-Onor. Prim Ministru"

Issa, kif emendat mill-Onor. Marlene Farrugia, ġie jaqra hekk:

> "Li wara li l-Kumitat Parlamentari ad hoc ikun lesta xogħlu, u skont l-eżitu tal-istess Kumitat, il-Kamra tara jekk għandhiex tiċċensura l-aġir tal-Prim Ministru fid-dawl tal-fiduċja li hu sostna fiċ-Chief of Staff tiegħu is-Sur Keith Schembri."

Id-deċiżjoni li l-mozzjoni tiġi emendata b'dan il-mod kienet tal-Onor. Marlene Farrugia u b'hekk, il-mozzjoni ġiet aċċettata mis-Sedja u ddaħħlet fil-*Motion Book.*

Dwar l-argument tal-Onorevoli Kap tal-Oppożizzjoni waqt l-istess seduta tal-bieraħ fejn saħaq li ġie kien stabbilit preċedent ladarba l-mozzjoni fil-konfront tar-Rappreżentant Permanenti ta' Malta għall-Unjoni Ewropea, dak iż-żmien is-Sur Richard Cachia Caruana, kienet ġiet aċċettata, b'kull rispett is-Sedja tixtieq tgħid li hija ma taqbilx ma' dan l-argument. Meta ġiet ippreżentata l-mozzjoni dak iż-żmien mill-Onor. George Vella u l-Onor. Luciano Busuttil, li fil-konklużjoni tagħha kienet taqra hekk:

> "Għalhekk din il-Kamra tiċċensura l-aġir tar-Rappreżentant ta' Malta għall-Unjoni Ewropea u titlob lill-Prim Ministru biex jesiġi r-riżenja tal-istess Rappreżentant Permanenti,"

datata 20 ta' April 2012, ma nqalgħetx il-kwestjoni dwar l-ammissibilità jew le tal-istess mozzjoni. Kif diġà għedt aktar 'il fuq, is-Sedja kellha diskrezzjoni li jara hu jekk il-mozzjoni hijiex ammissibbli jew le, u l-Is*peaker* ta' dakinhar iddeċieda li għandha tidħol fil-*Motion Book.* Huwa tajjeb li jingħad li meta l-mozzjoni ġiet għad-dibattitu fil-Parlament kien, dak iż-żmien, Viċi Prim Ministru Tonio Borg, li għalkemm qajjem dan l-istess punt proċedurali, ma talabx li jingħata *ruling* fuq dan il-punt mis-Sedja. Għalhekk fuq dan il-punt proċedurali qatt ma kien hemm deċiżjoni, liema deċiżjoni qed tingħata llum minn din is-Sedja.

Hawnhekk irrid nikkwota mis-Seduta 490 tat-18 ta' Ġunju, 2012 fejn dak iż-żmien il-Viċi Prim Ministru Tonio Borg kien qal hekk:

> "Sur President, issa rrid nagħmel argument ieħor u dan ħallejtu proprju għall-aħħar ħalli ħadd ma jaħseb li qed nipprova nqajjem eċċezzjonijiet preliminari, kif inħobbu nagħmlu aħna l-avukati, u ma niddefendix il-mertu tal-pożizzjoni tal-Gvern. Dan l-argument qed nindirizzah anke lejn in-naħa l-oħra għax fl-imgħoddi kellna kemm Gvernijiet Nazzjonalisti kif ukoll Gvernijiet Laburisti u fil-futur se jkollna l-istess. Din hija mozzjoni perikoluża anke mil-lat proċedurali. Qed ngħid dan għaliex minflok tikkritika jew tattakka ministru jew politiku li bil-Kostituzzjoni huwa responsabbli lejn il-Parlament, qiegħda tagħmel suġġett għad-dibattitu parlamentari l-ħidma ta' uffiċjal pubbliku.
>
> Jien imdorri, għallinqas hekk kont mgħallem, li aħna mit-tradizzjonijiet Ingliżi – għax fejn irridu nsemmu l-Erskine May u t-tradizzjonijiet Ingliżi u fejn irridu ninsewhom – nemmnu f'dik li jgħidulha l-anonimità tas-servizz pubbliku jiġifieri huwa l-Ministru dak responsabbli lejn il-Parlament għall-affarijiet tajbin u ħżiena li jsiru fis-servizz pubbliku. L-uffiċjali pubbliċi jagħtu l-pariri tagħhom – tajbin, ħżiena, taċċettahom jew ma taċċettahomx – imbagħad il-Gvern jerfa' fuq spalltu d-deċiżjoni u jkun hu politikament responsabbli għaliha. U għalhekk dan huwa tentattiv biex inbiddlu din is-sitwazzjoni? Għax jekk se jiġri hekk se noħolqu sistema perikoluża għaċ-Ċivil kollu fejn ikun hemm min ikun hemm fil-gvern, il-mozzjonijiet minflok isiru dwar jew kontra l-politiċi jibdew isiru daqqa kontra l-Ambaxxaturi, daqqa kontra d-Diretturi Ġenerali, daqqa kontra d-Diretturi, daqqa kontra s-Segretarji Permanenti u

nispiċċaw f'sitwazzjoni fejn l-uffiċjali taċ-Ċivil joqogħdu attenti jekk jagħtukx parir jew le li ma jmorrux jispiċċaw quddiem il-Parlament. Dan mhuwiex fl-interess ta' pajjiżna.

Kien għalhekk ukoll, u nagħlaq b'din ir-rimarka, li kittieba u opinjonisti li żgur mhumiex għedewwa tal-Partit Laburista kitbu f'dan is-sens u qalu dak li qed ngħid jien u ċjoè li din il-mozzjoni, min-natura tagħha stess hija żbaljata, apparti li titfa' lill-Partit Laburista snin lura. Allura hija żbaljata wkoll mil-lat li qed titfa' l-ħtija fuq uffiċjal pubbliku u ma tirrendix il-politiċi responsabbli li fl-aħħar mill-aħħar huma responsabbli."

Imbagħad l-Onor. Tonio Borg jispiċċa hekk:

"Din il-mozzjoni mhijiex fl-interess nazzjonali."

Għall-kumment li sar fil-Kamra dwar kif aġixxiet il-persuna li llum qed tokkupa s-Sedja, meta hija kienet Membru Parlamentari fuq in-naħa tal-Oppożizzjoni, is-Sedja tagħmel referenza għall-mozzjoni li kienet tressqet mill-Kap tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Alfred Sant, u minni fis-Seduta 524 tat-28 ta' Marzu 2001. Dakinhar il-mozzjoni kienet waħda ta' sfiduċja fil-Prim Ministru u fil-Ministru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali dwar l-aġir ta' ex impjegat fis-segretarjat privat tal-Ministru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali. Il-konklużjoni ta' dik il-mozzjoni kienet titlob lill-Kamra biex:

"Tistqarr in-nuqqas ta' fiduċja fil-Prim Ministru u fil-Ministru Gatt, minħabba l-imġiba tagħhom f'dan il-każ mill-aktar serju, li jkompli ma' sensiela ta' każi oħra fejn il-gvern ta' Dr Fenech Adami wera li ma jimportah xejn mill-valuri ta' trasparenza u ta' responsabbiltà li huma l-pern ta' kull demokrazija vera;

Tesiġi li ssir inkjesta parlamentari dwar il-każ tas-Sur Carbonaro."

Dwar id-definizzjoni li tingħata lil *censure motion,* fil-pajjiżi tal-Commonwealth is-Sedja tinnota li pereżempju l-Lok Sabha, li huwa l-Parlament Indjan, jagħti din id-deskrizzjoni:

*"... censure motion can be moved against an individual minister or a group of ministers or the entire Council of Ministers. It is moved for censuring the Council of Ministers for specific policies and actions."*

Is-Sedja rat ukoll, pereżempju, l-aħħar mozzjoni ta' ċensura li saret fil-Parlament Awstraljan fl-2014 fejn saret mozzjoni kontra l-Ministru tas-Saħħa:

*"... for failure to comply with an order of this Senate for the production of document concerning the Minister's former chief of staff and related matters."*

F'din il-mozzjoni li ġġib id-data 5 ta' Marzu, 2014, qed jiġi ċċensurat il-Ministru talli naqas li jipproduċi dokument li jikkonċerna ċ-*chief of staff* li l-istess Ministru kellu.

Fl-aħħar nett is-Sedja tagħmel referenza għall-parir li ħadet mill-konsulent legali fuq dan il-punt proċedurali, liema parir fil-fatt huwa konformi wkoll ma' diversi proċeduri li rat anke fil-pajjiżi tal-Commonwealth u nikkwota:

> "Nagħmel riferenza għall-kwistjoni li qamet dwar il-mozzjoni ppreżentata mill-Onorevoli Marlene Farrugia u dwar liema kellna l-okkażjoni li nitkellmu. Nibda biex ngħid li issa li l-mozzjoni ġiet mibdula u li ddaħħlet fil-ktieb tal-mozzjonijiet ma narax kif remotement jista' jkun okkażjoni biex inti tagħti deċiżjoni jew *ruling* sakemm xi ħadd ma jqajjimx kwistjoni fuq id-dħul ta' dik il-mozzjoni fil-ktieb, li naħseb li preżentement minn dak li jirriżulta mhux il-każ. Lanqas huwa il-każ li wieħed jindaga l-motivi jew raġunijiet għaliex wasslu lill-Onorevoli Membru biex tbiddel il-mozzjoni tagħha; dik deċiżjoni tal-Onorevoli Membru li s-Sedja ma tistax tissindika. Waqt li s-Sedja setgħet tgħin billi tesprimi opinjoni, dik l-opinjoni ma għandhiex il-funzjoni ta' deċiżjoni imma sempliċement għajnuna biex l-affarijiet jimxu iżjed bl-ordni. Jekk il-kwistjoni hija għaliex is-Sedja ħadet il-pożizzjoni li ħadet allura wieħed irid jagħmel riferenza għall-mozzjoni oriġinali; id-diffikultajiet li kienet tippreżenta dik il-mozzjoni kienet li tittratta fuq materji differenti f'mozzjoni waħda; kienet ukoll tiċċensura nies li ma jirrispondux għall-aġir tagħhom lill-Parlament imma kostituzzjonalment lil nies oħra. Dwar dan is-Sedja ma tat l-ebda *ruling* imma wriet it-tħassib tagħha kemm jista' l-Parlament, kif hija mfassla l-Kostituzzjoni, jiċċensura nies li għall-aġir tagħhom ma jirrispondux fil-Parlament imma lil persuni oħra li jkunu jokkupaw kariga kostituzzjonali. Billi naturalment fis-sistema ta' responsabilità parlamentari il-Prim Ministru u kull ministru jirrispondi politikament lill-Parlament mhux biss għall-aġir tiegħu imma anke għal dak tal-uffiċjali li jaqgħu taħtu jew jirrispondu għalih, iċ-ċensura trid issir fil-konfront ta' persuni li jokkupaw karigi ministerjali għaliex huma dawn li jirrispondu fil-Parlament għall-aġir tal-impjegati tagħhom. Dan qiegħed jingħad biex il-pożizzjoni tas-Sedja tkun ċara billi s-Sedja ma tħossx li hemm il-ħtieġa preżentement ta' ebda *ruling*, u qiegħda tgħid dan biex tispjega l-pożizzjoni tagħha. Naturalment is-Sedja ma tat l-ebda *ruling* li xi mozzjoni ma hijiex skont l-ordni."

Għaldaqstant, fid-dawl ta' dan kollu s-Sedja tħossha kkomfortata li l-proċedura li adottat fil-konfront tal-Onor Marlene Farrugia kienet waħda korretta.